MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 142/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Grech:

**1.** fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fit-12 ta’ April 2001 mal-wasla tieghu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta mat-titjira KM711 mill-Kajr, Egittu, xjentement naqas li jiddikjara lill-ufficjali tad-dwana billi ghadda mill-*Green Channel* hames [recte: diversi] specje ta’ tjur mejtin li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u cioe`

| **Kwantita`** | **Isem komuni** | **Isem xjentifiku** | **Valur** |
|---|---|---|---|
| **1** | **Black-shouldered kit** | **Elanus caeruleus** | **Lm50** |
| **4** | **Lanner** | **Falco biarmicus** | **Lm200** |
| **15** | **Little tern** | **Sterna albifrons** | **Lm750** |
| **5** | **Whiskered tern** | **Chlidonias hybridus** | **Lm250** |
| **2** | **Little owl** | **Athene noctua** | **Lm100** |
| **7** | **Barn owl** | **Tyto alba** | **Lm140** |
| **2** | **Owl sp.** | **Family: strigdae** | **Lm40** |
| **20** | **Smyrna kingfisher** | **Halcyon smyrnensis** | **Lm1000** |
| **2** | **Lesser pied kingfisher** | **Ceryle rudis** | **Lm100** |
| **9** | **Blue cheeked bee-eater** | **Merops superciliosus** | **Lm450** |
| **1** | **Little green bee-eater** | **Merops orientalis** | **Lm50** |
| **1** | **Cmmon bulbul** | **Pycnonotus barbutus** | **Lm50** |

Dawn ghandhom il-valur ta’ Lm3,182 dazju xejn, valur totali Lm3,182 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm447, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew ikkawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 kif ukoll A.L. 44/1982, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

**2.** u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li ma kienx ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93, u ma ppruvax li dak l-ghasfur jew parti minnu kien impurtat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien registrat mad-

Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-regolament 17 ta’ dawn ir-regolamenti;

**3.** u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi importa jew garr jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93 u ma ppruvax li dak l-ghasfur kien impurtat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq;

**4.** u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi importa ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom meta ma humiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw (Yemen), u huma protetti fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, u li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata, u dan bi ksur ta’ l-A.L. 146/1993 Art. 12(1)(2)(3);

**5.** kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma kellu fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x’jaqsmu ma’ l-importazzjoni ta’ dak l-ezemplari, importa l-istess specje li hija protetta fil-pajjiz mnejn originat minghajr licenzja ta’ esportazzjoni, importa l-istess specje mhux kif titlob il-konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagg, u naqas li jzomm kull licenzja, permess jew certifikat sakemm dawk l-ispecje kienu taht il-kontroll tieghu, u dan bi ksur ta’ l-A.L. 19/1992, Art. 6(1)(2), 7(3) u 8;

**6.** kif ukoll li sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Dr A. Micallef Trigona) tad-19-02-2001;

L-ewwel qorti giet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex, minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta’ l-oggetti ezibiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji taht dawn ir-regolamenti ghal periodu ta’ mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lil Joseph Grech hati skond is-sitt imputazzjoni u

minnha lliberatu, sabitu izda hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u kkundannatu multa ta' Lm1,681 ghall-fini tar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana (li minnha l-ammont ta' Lm560 ghandu jitqies bhala dejn civili), multa ta' Lm500 ghall-fini tat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet kif indikati hawn fuq[1], u multa ta' Lm2000 ghall-fini tal-hames imputazzjoni[2]; dik il-qorti wkoll ordnat il-konfiska "safejn dan ghadu possibbli" tat-tjur imsemmija fl-akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Grech, minnu ppresentat fit-2 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza f'dawk il-partijiet fejn instab hati jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghal-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2007; rat id-dokument prezentat sussegwentement mill-appellant; ikkunsidrat:

L-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant huma fis-sens li huwa qatt ma rrifjuta jew naqas li jiddikjara tjur li kellu fil-bagalji. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Mid-deposizzjonijiet moghtija kemm minn Carmel Attard kif ukoll minn Saviour Buhagiar din il-Qorti hi sodisfatta li l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha dwar din ic-cirkostanza hija korretta. F'dan il-kaz, anke fid-dawl tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant[3] – li fiha, mistoqsi jekk hu infurmax lill-ufficjali tad-dwana jew ta' l-immigrazzjoni li kellu t-tjur, wiegeb li ma kienx hekk infurmahom – huwa evidenti li l-appellant ma kellu ebda hsieb li jiddikjara dak li kellu fil-bagalja, u kien biss wara li kien diga` qabad il-*green channel* u wara li kienet giet ezaminata bil-magna il-bagalja li l-appellant iddikjara x'kellu. Dawn l-aggravji, ghalhekk qed jigu respinti.

[1] Fis-sentenza appellata dawn l-imputazzjonijiet – cioe` dawk li f'din is-sentenza qed jigu indikati bhala t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni – huma migbura taht imputazzjoni wahda li giet indikata bhala t-tieni imputazzjoni.
[2] Fis-sentenza appellata indikata bhala t-tielet imputazzjoni.
[3] Fol. 33.

It-tielet u s-seba’ aggravju huma dwar il-valutazzjoni tal-glud in kwistjoni, li l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti ma setghetx korrettement taghmilha tenut kont li dawn qatt ma kienu a disposizzjoni ta’ l-istess qorti u f’xi zmien insterqu minn taht il-kustodja ta’ l-awtoritajiet. Anke dana l-aggravju huwa infondat u razenti l-fieragh. Jidher li l-appellant qieghed jinsa kompletament id-deposizzjoni moghtija fit-12 ta’ Gunju 2002 minn Joseph Sultana: “Wara li rajt l-istimi li ghamel id-Dipartiment tad-Dwana, fuq il-parir tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent, jien jidhirli li dawk l-istejjem huma gusti u ekwi, anzi f’certa ezemplari jidhirli li dawk huma prezzijiet anqas minn dawk tas-suq.” Fi kwalunkwe kaz, galadarba, kif ser jirrizulta, l-appellant mhux ser jinghata piena fir-rigward tar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana, il-valutazzjoni – fis-sens ta’ “il-valur” – tat-tjur huwa rrelevanti.

Ir-raba’ aggravju ta’ l-appellant jghid testwalment hekk: “Illi l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att fuq it-Taxxa tal-Valur Mizjud ma huwiex applikabbli ghal dan il-kaz u dan minghajr pregudizzju ghall-aggravji diga` indikati.” L-appellant b’ebda mod, la fir-rikors, u anqas fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2007 ma pprova jispjega kif u ghala dana l-Artikolu ma hux applikabbli. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza tad-9 ta’ Awissu 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur A. P. Miruzzi) v. Mario Ellul** – li kien kaz li jirrigwarda l-importazzoni illegali ta’ tjur f’Malta – affermat illi “ma hemmx dubbju li l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien applikabbli ghall-importazzjoni gewwa Malta ta’ dawn it-tjur…”. Dan l-aggravju ghalhekk huwa wkoll infondat.

Jillanja wkoll l-appellant – dan hu l-hames aggravju – illi l-ewwel qorti applikat hazin f’dan il-kaz ir-regolament 12(3) ta’ l-A.L. 146/1993. L-appellant ma ghandux ragun. Huwa evidenti li dana l-paragrafu (3) tar-regolament 12 jisposta l-oneru tal-prova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, fuq l-imputat li jipprova li l-ghasafar jew gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw, jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati

kienet wahda awtorizzata. Fil-kaz in dizamina l-appellant, allura imputat, ma pprova xejn minn dan. Dan l-aggravju, ghalhekk, huwa wkoll infondat.

Fl-ahharnett, l-appellant jilmenta dwar il-piena. Huwa biss hawnhekk li l-appellant ghandu, sa certu punt, ragun. Jibda biex jinghad li, kif din il-Qorti, diversament presjeduta, osservat fis-sentenza tal-4 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Camilleri, Anthony Zammit u Mario Farrugia** [4] il-pieni imposti bl-Artikolu 62 tal-Kap. 37 ma humiex applikabbli meta hemm pieni ohra imposti b'ligi jew ligijiet ohra ghall-importazzjoni illegali ta' l-oggett li jkun. Ghalhekk f'dan il-kaz l-ewwel qorti ma setghetx timponi l-multa ta' Lm1,681 "ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza kontra l-Ordinanza tad-Dwana". L-appellant jaccenna wkoll ghall-Artikolu 17 tal-Kap. 9 u jghid li l-ewwel qorti ma setghetx timponi "zewg multi separati ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni u fil-massimu taghhom individwalment". L-Artikolu 17 mhux relevanti f'dan il-kaz, ghax hawn ma hawnx konkors materjali ta' reati jew pieni izda konkors formali jew ideali ta' reati. Infatti, kif gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mario Ellul** *supra* hemm konkors formali jew ideali bejn ir-reati taht l-A.L. 146/93 u dawk taht l-A.L. 19/1992, b'mod ghalhekk li ghandhom japplikaw biss ir-reati l-aktar gravi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell biss fis-sens infraskritt:

1. thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant multa ta' Lm1,681 (li minnha Lm560 huwa dejn civili) kif ukoll in kwantu kkundannatu multa ta' Lm500 ghal-fini tat-tieni imputazzjoni (ossia it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni skond l-enumerazzjoni moghtija fis-sentenza odjerna – in effetti l-imputazzjonijiet taht l-A.L. 146/1993); u
2. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan pero` li qed jigi precizat li l-ksur tad-disposizzjonijiet

[4] Ara wkoll **Il-Pulizja v. Mario Ellul** *supra*, u **Il-Pulizija v. Henry Borda** moghtija llum stess.

ta’ l-A.L. 146/1993 huwa assorbit fil-ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-A.L. 19/1992 --

b’mod ghalhekk li l-multa li ghandu jhallas l-appellant ghas-sejbien ta’ htija skond l-imputazzjonijiet kollha li taghhom instab hati hija ta’ Lm2,000 konvertibbli fi tlett xhur prigunerija[5] f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Rata ta’ konversjoni ta’ qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002.